Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 79/2015

Il-Pulizja

Spettur Ramon Mercieca

Vs

Josephine Saliba

Illum 16 ta' Dicembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellata, Josephine Saliba, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 84684M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-kwalita' taghha ta' principal tal-entita' kummercjali '@ Cutz.com', b'indirizz 185/307, Triq il-Vitorja, Hal Qormi, Malta u/jew bhala l-persuna li kienet inkarigata mill-istess entita' kummercjali sabiex thallas l-pagi dovuti, naqset li thallas parti mill-paga ghall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru, 2013 u t-3 ta' Marzu, 2014, ammontanti ghal-€324.63, naqset li thallas is-sahra ghal-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru, 2013 u t-3 ta' Marzu, 2014, ammontanti ghal €946.28, naqas illi jhallas parti mill-Bonus Statutorju ghal-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru, 2013 u t-3 ta' Marzu, 2014, ammontanti ghal €102.52 li b'kollox jammontaw ghal elf, erba' mija sebgha u tmenin

ewro u disgha u tletin centezmu (€1487.39), inkluz t-taxxa u l-bolla u li kienu dovuti lil ex-impjegata tieghu, u cioe' lil Gail Caruana (ID. Nru. 519191M) fis-27 ta' Novembru, 2013.

Il-Qorti giet mitluba bir-rispett ordnat lill-imputata, ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex thallas il-penali skond il-ligi, kif ukoll tordna lill-imputat, ai termini tal-Artikolu 45(2) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex thallas lil Gail Caruana (ID Numru 519191M) l-ammont ta' elf, erba' mija, sebgha u tmenin ewro u disgha u tletin centezmu (€1487.39), ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-4 ta' Frar, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 5, 22(1), 22(2), 23, 45, 46 u 47(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Iddikjarat lill-imputata mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfrot taghha u tilliberhaminnhom. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Frar, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **tannulla** s-sentenza appellata fl-intier tagħha u tipproċedi *ai termini* tal-artiklu 428 tal-Kodiċi Kriminali fl-aħjar interess tal-ġustizzja, jew alternattivament tgħaddi sabiex **tirriforma** s-sentenza appellata fejn filwaqt li tikkonfermaha fil-parti fejn illiberat lill-appellata milli tħallas is-sahra, tgħaddi sabiex **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata fejn illiberat lil Josephine Saliba talli ma ħallsitx il-paga, *bonus* statutorju u *weekly allowance*, u minflok tgħaddi sabiex issibha **ħatja** f'dan ir-rigward, u konsegwentement tinfliġġi piena ekwa u ġusta konsiderando ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellata esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fit-tnax (12) ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) l-esponent irċieva mingħand il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali l-atti proċesswali fl-ismijiet premessi u ħassu aggravat bihom b'mod ċar u manifest in kwantu li kien hemm enunċjazzjoni u applikazzjoni kompletament żbaljata tal-liġi meta Josephine Saliba ġiet illiberata talli ma ħallsitx lil Gail Caruana l-paga, il-*bonus* statutorju u l-*weekly allowance* dovuti lilha;

Illi minkejja li l-kawża saret nhar l-erbgħa (4) ta' Frar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) hekk kif juri l-verbal li jinsab a fol. 3 tal-atti proċesswali, is-sentenza li tinsab a fol. 4 u 5 tal-atti proċesswali ġġib id-data tal-erbgħa (4) ta' Frar tas-sena elfejn erbatax (2014) minflok tas-sena elfejn u ħmistax (2015). Dan jirrendi s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti bħala nulla;

Illi *di piu'* minkejja li fit-taħrika tal-Pulizija esebita a fol. 1 u 2 tal-atti proċesswali jidher biċ-ċar li Josephine Saliba qiegħda tiġi akkużata talli naqqset milli tħallas għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru 2013 u t-3 ta' Marzu 2014 il-paga, is-sahra, il-*bonus* statutorju u parti mill-*weekly allowance* bl-ammonti relattivi tagħhom hekk kif indikati f'parti 'A. L-Akkużi' ta' dan ir-rikors t'appell, meta wieħed jaqra s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti liema sentenza tinsab a fol. 4 u 5 tal-atti proċesswali jinduna li Josephine Saliba qiegħda tiġi akkużata biss talli naqset milli tħallas għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Ottubru 2013 u t-3 ta' Marzu 2014 il-paga ammontanti għal €324.63 u talli naqset milli tħallas is-sahra ammontanti għal €102.52. Illi fl-akkużi riportati fis-sentenza minn imkien ma tissemma' li Josephine Saliba qiegħda tigi akkużata wkoll talli naqset milli tħallas il-*bonus* statutorju u l-*weekly allowance*! *Di piu'* fis-sentenza hemm indikat li Josephine Saliba naqset milli tħallas lil Gail Caruana l-ammont ta' €102.52 bħala sahra, mentri effettivament hekk kif tixhed it-taħrika tal-Pulizija tali ammont jirrappreżenta n-nuqqas ta' ħlas tal-*weekly allowance* u mhux tas-sahra. Għalhekk b'mod ċar u manifest wieħed jara li l-akkużi hekk kif riportati fis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti mhumiex l-istess

akkużi ndikati fit-taħrika tal-Pulizija. Dan iwassal għan-nullita' tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti;

Illi Gail Caruana kienet irreġistrata mal-Korporazzjoni tal-Impjieg u t-Taħriġ (ETC) bħala *junior hairdresser.* Konsegwentement, bħal kull impjegata oħra, hija kellha d-dritt li tirċievi mingħand il-prinċipal tagħha l-appellata Josephine Saliba l-paga, il-*bonus* statutorju u l-*weekly allowance* hekk kif stipulat mil-ligi. Minkejja li skont l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-prosekuzzjoni naqset milli ġġib provi suffiċjenti illi Gail Caruana ħadmet is-sahra, l-istess Qorti ma setgħet qatt legalment u raġonevolment tillibera lill-appellata talli ma ħallsitx lil Gail Caruana l-paga, *bonus* statutorju u *weekly allowance* dovuti lilha stante li l-ħlas tal-paga, *bonus* statutorju u *weekly allowance* bl-ebda mod m'huma marbuta mal-fatt ta' jekk impjegat jaħdimx sahra jew le! *Di piu'* l-akkużi dedotti kontra l-appellata ma kienux jikkonċernaw biss in-nuqqas ta' ħlas ta' sahra, iżda wkoll in-nuqqas ta' ħlas ta' paga, *bonus* statutorju u *weekly allowance*;

Illi rigward il-ħlas ta' paga artiklu 22 tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li:

**22.** (1) Kull prinċipal għandu jħallas jew jara li jitħallsu l-pagi lill-impjegati tiegħu f'intervalli regolari li ma għandhomx ikunu aktar minn erba' ġimgħat b'lura:

...

(2) Mat-tmiem ta' kuntratt ta' servizz il-pagi kollha li jkunu għadhom ma tħallsux u kull kumpens li għandu jitħallas lill- impjegat għall-*leave* mhux meħud għandhom jitħallsu mad-data tal- jum tal-paga li tiġi minnufih wara iffissata skont is-subartikolu (1) bħallikieku l-kuntratt ma ntemmx.

*Di piu'* rigward il-ħlas ta' *bonus* statutorju artiklu 23 tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula li:

**23.** (1) Kull prinċipal għandu jħallas, jew jara li titħallas, lil kull wieħed mill-impjegati *whole-time* tiegħu dawk il-*bonuses* statutorji fl-ammont li jista' jiġi stabbilit b'avviż legali maħruġ mill-Ministru tal-Finanzi bis-saħħa ta' dan l-artikolu jew kif il-Gvern jista' jħabbar fl-estimi ġenerali ta' xi sena partikolari:

Illi għalhekk minn qari akkurat tad-disposizzjonijiet suċitati imkien m'hemm stipulat mil-leġislatur li l-ħlas tal-paga, *bonus* statutorju u *weekly allowance* huma marbuta u jitħallsu lill-impjegat abbażi tal-kundizzjoni ta' jekk dan tal-aħħar jaħdimx sahra jew le. Il-ħlas tal-paga, *bonus* statutorju u *weekly allowance* irid isir kull fejn impjegat jaħdem għall-principal fejn l-impjegat jippresta xogħlu lill-prinċipal u bl-ebda mod mhu marbut ma' jekk l-impjegat jaħdimx sahra jew le. Semmai jekk impjegat jaħdem is-sahra tali sahra għandha titħallas flimkien mal-ħlas ta' paga, *bonus* statutorju u *weekly allowance*. Jekk impjegat ma jaħdimx sahra, allura huwa għandu jitħallas il-paga, *bonus* statutorju u *weekly allowance*. Konsegwentement, allura l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tgħaddi wkoll sabiex tikkundanna lill-appellata sabiex tħallas il-penali preskritti skont artiklu 45(1) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u kif ukoll tordna lill-istess appellata tħallas lil Gail Caruana l-ammonti dovuti lilha hekk kif preskritt minn artiklu 45(2) tal-Kapitlu 452 tal-Liġijiet ta' Malta hekk kif konfermati minn Gail Caruana u Ramon Francalanza permezz tal-ġurament tagħhom quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Ikkunsidrat;

Illi fl-appell minnu interpost l-Avukat Generali preliminarjament jissolleva il-pregudizzjali dwar in-nullita tas-sentenza appellata u dan billi fl-ewwel lok jishaq illi d-data tas-sentenza hija zbaljata fl-indikazzjoni taghha, kif ukoll jilmenta mill-fatt illi l-fatti li taghhom l-appellata giet akkuzata bihom kif indikati fis-sentenza, ma humiex dawk indikati fic-citazzjoni mahruga fil-konfront taghha. Illi fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2015, l-Avukat Generali irtira l-ewwel aggravvju minnu imressaq billi jidher illi ma kienx hemm l-izball kif prospettata minnu fid-data tad-decizjoni impunjata.

Illi jifdal ghalhekk biex titqies il-pregudizzjali dwar in-nullita tas-sentenza billi fl-istess ma hemmx indikazzjoni korretta tal-akkuza li kienet giet ipprospettata fil-konfront ta'l-appellata meta gie indikat biss illi hija kienet giet akkuzat bin-nuqqas ta' hlas ta' paga u sahra, meta l-akkuza kienet tinkludi ukoll in-nuqqas ta' hlas tal-*bonus* u *weekly allowance*. Jikkontendi l-Avukat Generali illi anke l-ammonti li hemm

indikati huma erronji u allura ma hemmx osservanza tad-dispozittiv tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-artikolu 382 ipoggi obbligu fuq il-qrati sabiex fid-decizjonijiet taghhom ikun hemm indikazzjoni tal-fatti li dwarhom il-persuna akkuata tkun qed tigi misjuba hatja, indikazzjoni tal-piena li qed tinghata konsegwenzjali ghas-sejbien ta htija u id-disposizzjonijiet tal-ligi li jikkontemplaw r-reat li ghalih qed tinstab htija. Issa fil-kaz in dizamina l-appellata giet illiberata mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha. Kwindi ghalkemm huwa minnu kif isostni l-Avukat Generali illi fil-parti preliminari tas-sentenza l-akkuzi migjuba fil-konfront ta'l-appellata gew indikati b'mod erronju, x'aktarx frott ta' zball dattilografiku, madanakollu dan in-nuqqas ma igorrx mieghu l-piena tan-nullita ta' tali decizjoni u dan ghaliex tali nuqqas ma huwiex wiehed mill-formalitajiet sostanzjali mehtiega fil-ligi sabiex sentenza tkun legalment valida. Ghaldaqstant dan l-aggravvju qed jigi michud.

Sorvolati ghalhekk dawn l-ostakoli procedurali jifdal illi jigu trattati l-aggravvji fil-mertu. Illi l-Avukat Generali jishaq illi Gail Caruana kienet impjegata mal-appellata bhala *junior hairdresser* u ghalhekk kellha id-dritt li tircevi minghand il-principal taghha l-paga, il-*bonus* statutorju u il-*weekly allowance*, izda l-Ewwel Qorti ghaddiet biex illiberat lill-appellata mill-akkuzi kollha ghaliex kien hemm insufficjenza ta' provi mehtiega fil-kamp penali biss fir-rigward tal-hlas tas-sahra. Jishaq l-Avukat Generali, ghalhekk illi l-Ewwel Qorti ma setghat qatt tghaddi biex tillibera lill-appellata ghal nuqqas ta' hlas ta' paga, *bonus* u *allowances* kif indikati fl-akkuza.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-Avukat Generali ghandu ragun. Ghalkemm huwa minnu illi ma hemmx provi sufficjenti fl-atti, kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti u anke kif jirrizulta mix-xhieda li instemghet quddiem din il-Qorti, li Caruana kienet effettivament hadmet sighat ta' sahra u kemm kienu jammontaw dawn is-sighat, madanakollu mix-xhieda ta' Ramon Francalanza, rapprezentant tad-Dipartiment ta'l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jirrizulta illi kien hemm nuqqas ta' hlas ta' paga, *bonus* u *weekly allowances* favur l-impjegata Gail Caruana li kienet giet irregistrata bhala *casual worker* fil-hanut tal-*hairdressing* proprjeta ta'l-appellata.

Illi l-appellata tikkontendi minn naha taggha illi il-granet u l-hinijiet tax-xoghol ta' Carauna kienu biss fil-jiem tal-Gimgha u is-Ssibt bejn id-disgha ta' fil-ghodu u s-sitta ta' fil-ghaxija u dan ghaliex fil-kumplament tal-granet tax-xoghol u cioe' bejn it-Tlieta u il-Hamis l-impjegata kienet qed tircevi biss taghlim u ghalhekk ma kenitx tahdem u ma kenitx intitolata ghal hlas. Tishaq illi l-ftehim tax-xoghol milhuq mal-impjegata taghha kien, allura, illi fil-granet tat-Tlieta, l-Erbgha u l-Hamis hija kienet toqghod tghallem lill-impjegata taghha filwaqt li imbaghad il-Gimgha u is-Sibt kienet tghin fix-xoghol. Illi l-Qorti tghid minghajr tlaqliq illi lill-appellata ma temminiehx. Mhux biss mix-xhieda li instemghu jirrizulta illi l-impjegata Caruana kienet tkun qed tahdem u taqdi il-klijenti fis-*salon* billi taghmel xoghol ta' hasil tax-xaghar, zebgha u gieli anke tnixxef ix-xaghar u dan tul il-gimgha kollha[1], izda jirrizulta ukoll illi meta l-appellata infurmat lill-impjegata taghha li kienet ser idahhalha xoghol biss fil-granet tal-Gimgha u is-Sibt, din tal-ahhar irrifjutat u telqghet. Illi li kieku dak li tallega l-appellata allura ghandu mis-sewwa, ma kienx ikun hemm raguni 'il ghala l-impjegata tirrifjuta li tahdem biss jumejn fil-gimgha, gjaldarba skont it-tezi ta'l-appellata kienu f'dawn il-jumejn biss li kienet tahdem u tithallas u fil-kumplament kienet biss titghallem minghajr hlas!

Illi indubbjament l-Ewwel Qorti naqqset milli taghmel konsiderazzjonijiet dwar in-nuqqas ta' hlas ta' paga, *weekly allowances* u *bonus* li ma thallsux lill-impjegata, konsiderazzjonijiet illi li kieku saru kienu iwasslu ghal gudizzju ta' htija fil-konfront ta'l-appellata ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Fuq kollox l-aktar haga elementari li kellha taghmel l-appellata kienet li tivverifika l-hinijiet u il-granet li kienet haddmet l-impjegata taghha, u li tara li din tithallas skond il-ligi u jekk ma reditx li l-impjegata tahdem certu granet u hinijiet hija setghet qaltilha, kif finalment hekk ghamlet. Minn dan kollu l-appellata ma ghamlet xejn izda baghet tinsisti illi kienet accettat lil Gail Caruana bhala apprendista u xejn aktar u allura hija ma kenitx intitolata tircevi hlas ghax-xoghol li kienet taghmel.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti filwaqt li tichad l-ewwel zewg aggravvji imressqa mill-Avukat Generali, tilqa' l-kumplament ta'l-aggravvji, ghalhekk tghaddi sabiex

[1] Ara xhieda ta' Gail Caruana, Maria Vella, Adrian Hudson u Dolores Galea

tirrevoka is-sentenza appellata u wara li rat l-artikoli 5, 22(1), 22(2), 23, 45, 46 u 47(2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-appellata hatja ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, ghajr ghall-akkuza li tirreferi ghal hlas tas-sahra billi din ma gietx sufficjentement ippruvata, u tikkundannha multa ta' €500. Inoltre tikkundanna lill-appellata thallas lil Gail Caruana s-somma ta' €541.11 u dan fi zmien xahar mil-lum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur